Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 187/2016

Il-Pulizja

Vs

Jimmy (Gerolamo) Buhagiar

Illum 22 ta' Marzu, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jimmy (Gerolamo) Buhagiar detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 345677 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-17 ta' Settembru, 2015 u fil-hinijiet ta' bejn l-16.30hrs u s-19.30hrs bejn id-19 u l-20 ta' Settembru 2015, fil-Gzejjer Maltin:

1. Irrifjuta li jaghti access lil wild taht il-kustodja tieghu lil Charmaine Buhagiar, hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbut bil-kuntratt minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 t' April, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (II) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hat ital-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal gimgha detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Jimmy (Gerolamo) Buhagiar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 t' April, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha, thassar u tikkancella s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar l-4 t' April, 2016, konsegwentament tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija, u fin-nuqqas, tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tvarjaha f' dik il-parti fejn ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni, konsegwentament tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Jimmy (Gerolamo) Buhagiar huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti quddiemha.

Illi mill-Ewwel jinghad li l-imputat huwa missier ta' tlett itfal li huwa ghandu minghand il-kwerelanti Charmaine Buhagiar – Matthew Buhagiar ta' erbatax – il sena, Shelly Buhagiar ta' sittax – il sena, u Lioni Buhagiar ta' dsatax – il sena.

Illi effetivament il-minuri Matthew u Shelly fil-prezent jirrisjedu mal-missier, filwaqt illi binthom Lioni, l-akbar fost it-tlieta llum maggorenni, tirrisjedi flimkien mal-omm.

Illi l-kwerelanti, u cioe mart l-imputat, ghad li llum il-gurnata ftit li xejn ghandha relazzjoni mal-minuri Matthew u Shelly, u dana minghajr ebda indhil jew sforz zejjed da parti tal-imputat, persistentement taghmel rapporti infondati rigward l-oghti tal-access veru l-istess minuri.

Illi dan minkejja l-fatt sagrosant, li l-istess kwerelant tal-ben tajjeb, li s-sors tal-problema kollha fl-ezercitazzjoni tal-access m' huwiex l-imputat imma hija l-imgieba taghha fil-prezenza tal-minuri u fil-konfront taghhom stess li ghal diversi xhur u snin, ilhom jitfghu r-relazzjoni ta' bejn l-omm u l-minuri dejjem lura.

Illi madankollu, ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-minuri Matthew, li llum ghandu erbatax – il sena, ghad li m' huwiex maggorenni, wiehed ma jistax ma jiehux in konsiderazzjoni l-ilmenti tieghu rigward l-access.

Illi ghandu jinghad li l-missier, u cioe l-imputat, dejjem obda rigorozament dak ordnat lilu mill-Qorti kompetenti u dejjem baxxa rasu fir-rigward tal-ghoti tal-access. Minn imkien ma jirrizulta li l-istess imputat kien qal lil martu li ma kienx ser jaghti l-access kapriccjoazment, jew ghax deherlu li kellu jisfida l-ordni legittima tal-Qorti kompetenti, anzi dejjem ghamel hiltu biex jaccerta ruhu li Matthew ikun lest jistenna hdejn l-intrata sabiex il-kwerelanti tigbru ghall-access, hekk kif deciz mill-Qorti.

Illi minkejja dan, Matthew persistentement jirrifjutta li jaghmel dan u jilmenta ma' missieru u fil-prezenza tal-istess kwerelanti ommu li huwa ma kienx jixtieq imur ma ommu ghaliex ommu ma tqattax hi mieghu, li tkun biss ftit hin mieghu u mabghad jithalla ghal rihu man-nanniet materni, u li tul il-kors tal-access jispicca fil-mira tal-kwerelanti omm propju missier it-tfal, l-imputat, liema diskors zgur li xejn ma jtejjeb is-sitwazzjoni f' ghajnejn il-minuri.

Illi ghalhekk, jidher car illi l-missier fl-ebda hin ma rrifjuta li jaghti l-access, imma kienet biss fuq l-insistenza tal-minuri li jirrifjuta li jitteihed ghall-access li mbaghad wasslet ghas-suppervja tal-omm li appena tara hekk, mill-ewwel tmur tirraporta dan lil Pulizija Ezekuttiva u qatt ma tindirizza s-sors tal-problema vera u minflok taghzel li taghmel lil zewgha vittma tan-nuqqasijiet taghha stess.

Illi tenut kont il-fatti sppjegati hawnehkk, ir-rikorrent qieghed jiehu din l-okkazzjoni sabiex jirrizerva d-dritt tieghu li l-kwistjoni tigi ndirizzata mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u dana sabiex id-digriet li jirregola l-istess access jirrifletti s-sitwazzjoni prezenti li indubjament mhijiex wahda facli ghall-appellant ghal fatt li hawnhekk non si tratta ma kaz ta' minuri ta' ftit xhur izda kaz ta' zewg zghazagh li ghandhom vuci, par ghajnejn u opinjoni bhal kull haddiehor.

Illi tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, hija l-umli fehma tal-appellanti illi huwa ghandu jigi lliberat minn kull imputazzjoni u htija.

Ikkunsidrat,

Billi l-ko-litigandi lahqu ftehim bejniethom fir-rigward tal-manteniment dovut f'din il-kawza, il-Qorti ghalhekk ser tikkonferma s-sejbien ta' htija, madanakollu hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tvarja d-decizjoni appellata billi tikkonferma l-parti fejn l-appellant instab hati tal-akkuza dedotta kontrih izda tvarja l-piena nflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Edwina Grima
Imhallef